# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ — MARZU-ĠUNJU
L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1979

## IL-KITBA TAL-MALTI

Fl-aħħar snin smajna ħafna ilħna jistaqsu jekk wasalx iż-żmien li isir xi tibdil fl-ortografija tal-Malti u kien hemm studjużi li għamlu mhux biss suġġerimenti iżda wkoll fattihom dwar daqshekk.

Il-prinċipji ewlenin ta' l-ortografija tal-Malti kienu mfissrin tajjeb u bi qbil ġenerali l-ewwel darba fit-Tagħrif li kienet ħarġet l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1924, u xi wħud qalu li billi kien għadda ż-żmien ma kenitx ħaġa kbira li fil-kitba tal-Malti wkoll kellu jkun hemm xi tibdil, billi ż-żmien ma jaħfirha lil ħadd.

Għalkemm kien hemm min għamel fattih, il-Kunsill ta' l-Akkademja tal-Malti (li mhi xejn ħlief l-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti bl-isem mibdul kif jitolbu ż-żmenijiet!) ma tilifx rasu u ħa piaċir kbira u jifhem li kien hemm qbil ġenerali fost dawk kollha li jifhmu, li dak li għamlet l-Għaqda kellha tkun l-Akkademja li tistudja sew biex, jekk tidher il-ħtieġa, isir dak li għandu jsir, u mill-ewwel stimola d-dibattitu u l-argument billi organizza konferenzi fuq il-materja li wasslu l-fehmiet biex ikunu iktar preċiżi — konferenzi li kienu miġburin f'għadd speċjali ta' **Il-Malti** li fetaħ il-bieb għall-istudji l-aktar serji li l-ħaġa titlob; li ma mmorrux nerġgħu nsibu ruħna kulħadd jaqdef għal rasu b'taħwid mhux ċkejken għal kulħadd kif ta' qabilna jgħidulna li kienu l-affarijiet qabel ma ħareġ it-Tagħrif.

Il-Kunsill ta' l-Akkademja ma waqafx hemm: ħatar Kummissjoni biex tħejji x-xogħol sew magħmula mill-President ta' l-Akkademja u s-Sin.a M. Rose Gatt B.A.(Gen.), B.A.(Hons.), M.A., u s-Sur M. Mifsud, B.A.(Hons.). Nafu li din il-Kummissjoni qed tiltaqa' regolarment u li miexja bix-xogħol tagħha. Billi l-qattusa għaġġelija lkoll nafu x'għamlet, ma jidhirx li hu l-każ li ngħidulhom "Iġri u ġerri!" Tkun l-ikbar bluha jekk nitilfu kollox imħabba xi ħmerija gwappa li tista' ssir imħabba l-għaġla.

Hemm il-ħsieb ukoll ta' konsultazzjoni sħiħa ma' kull min hu studjuż serju tal-lingwistika Maltija. Għalhekk huwa xieraq li

ntennu dak li diġà ngħad kemm-il darba, li kull min għamel xi studji li wassluh f'xi konklużjonijiet serji u ppublikahom jagħmel tajjeb jekk jinforma lill-KUMMISSJONI TAGħRIF, fl-indirizz PALAZZ CARAFA, Triq il-Fran, Valletta, Malta.

Il-Kunsill qiegħed jagħmel u fi ħsiebu jkompli jagħmel li jista' biex naslu għat-tieni edizzjoni riveduta tat-Tagħrif; iżda jeħtieġ is-sabar, iż-żmien u l-għajnuna ta' kull min hu ta' rieda tajba!

---

# "IL-MADONNA TAĊ-ĊOQQA"

Wara stedina mill-President ta' l-Akkademja, Dr. Wallace Gulia, Ġużè Diacono kien wiegħed li jikteb f'**Il-Malti** dwar it-teleserial kontroversjali tiegħu, **Il-Madonna taċ-Ċoqqa.** Iżda deherlu li tant inkiteb u ntqal fuq dan it-teleserial, li, għallissa għallanqas, mhux ta' min jerġa' jibda fuqu.

Biss jilmenta miċ-ċensura indiretta li għadha sseħħ fostna bis-saħħa ta' ċerti ġurnali u istituzzjonijiet. "B'intolleranza kbira u nuqqas ta' immaġinazzjoni, ma jridux jagħtu lill-kittieb Malti dik il-libertà artistika li lesti li jikkonċedu lill-kittieba barranin, għas-sempliċi raġuni li jikteb bil-Malti. Dawn l-ilħna fl-imgħoddi xekklu l-mixi tal-letteratura tagħna — imma dak iż-żmien issa għadda u mar," jikkommenta Ġużè Diacono.